MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-18 ta' April, 2005

Avviz Numru. 1632/1997/1

**Gasan Insurance Agency Limited bhala rappresentantrici tas-socjeta assikuratrici estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation Plc., kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha James John Borg u b'nota tat-3 ta' Frar 2000 assumew l-atti is-socjeta Gasan Mamo Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta assikuratrici estera GCU Insurance plc gia General Accident Fire & Life Assurance Corporation plc kif surrogata fid-drittjiet tal-assikurat tieghu James John Borg.**

**Vs**

**Romina Fenech**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine talbet sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex:

1. tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta attrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fil-5 ta' Frar 1997 fil-limiti ta' B'Bugja waqt li l-konvenuta kienet qed isuq il-vettura ta' marka Peugeot Nru I-7593, b'mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-risultat li hija ikkagunat l-incident mal-vettura numru C-7381 proprjieta ta' assikurat tal-attur, James John Borg.
2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' disa mija u tlieta u tletin Lira Maltin u hamsa u tletin centezmi (Lm933.35,0) jew somma ohra verjuri, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi.
3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz.

Bl-ispejjes komprizi dawk ta' Ittra Ufficjali tat-13 ta' Gunju 1997, u ta' ittra ufficjali ohra ippresentata mal-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta, kontra l-istess konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuta (fol 4 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, in kwantu huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba illi l-incident awtomobilisitku in kwistjoni sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja, u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-assigurat tas-socjeta' attrici James John Borg.
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretiz mill-atturi huwa eccessiv u esagerat.
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 48 tal-atti.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz kien gie investigat minn PS 70 (illum Spettur) Alfred Mallia li esebixxa kopja tar-rapport u tal-iskizz maghmulin minnu (fol 28 et seq ibid). Mill-imsemmi skizz (fol 28 ibid) wiehed jista' jara l-lokalita' fejn gara l-incident ossija Triq San Patrizju, f'Bugibba cjoe kif ukoll il-posizzjoni tal-vetturi involuti f'dan il-kaz, wara l-istess incident cjoe dik bin-numru C7381 misjuqa mill-assikurat tas-socjeta attrici bin-numru C 7381 u dik misjuqa mill-konvenuta bin-numru I 7593. Inoltre jidher mill-imsemmi rapport (fol 30 'a tergo') illi James John Borg kien stqarr illi "I 7593 daret minghajr indikazzjoni ' waqt li Romina Fenech stqarret "… hija indikat li ser iddur".

Ikkunsidrat

Illi James John Borg meta xehed (a fol 12 et seq ibid) beda' biex jghid illi "… nhoss li ma' ghandix tort sa l-ahhar ghal dan l-incident" spjega illi waqt li kien qed jsuq fid-direzzjoni tal-Port Hieles f'triq dritta minghajr linji u li taghti direttament ghall-istess Port, hu kien ghaddej "fuq in-naha tas-'central strip' fejn ma kienx ghaddej traffiku hlief ghall-konvenuta li kienet quddiemu u bhala velocita' hu kien qed jsuq, mhux aktar minn tletin/erbghin kilometru fis-siegha kif kienet l-istess konvenuta li kienet fuq in-naha tal-bankina ossija tal-bahar. F'certu hin, hu ra lill-konvenuta tnaqqas il-velocita', tersaq xi ftit lejn ix-xellug taghha u tieqaf. Kif ra hekk, hu baqa jsuq, dejjem fuq in-naha tas-'centre striq" izda "… hija daret lejn il-lemin ghal fuqi".

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuta (fol 39 u fol 40 ibid) issostni li, fuq in-naha tat-triq in kwistjoni fejn kienu jinsaqu l-vetturi involuti hemm 'lane' wahda in vista li mal-bankina hemm 'parking area' . Inoltre hi kienet intenzjonata li "… nsuq mas-central strip sabiex nerga' immur lura" lejn Birzebbugja. Ghalhekk hi xeghlet l-'indicator' lejn il-lemin, harset mill-mera interna u rat li fil-vicin, ma' kienx hemm karozzi izda

dik tal-konvenut li kienet 'hafna l-boghod'. Kif bdiet iddawwar lejn l-istrixxa tan-nofs wara li kisret ftit lejn ix-xellug hi nhasdet b'daqqa li inghatat fuq il-vettura taghha. Hi kompliet tghid illi fuq ix-xellug taghha, kien hemm karozzi parkeggati kif ukoll kienu qed jsiru 'xi xogholijiet fuq it-triq'. In rigward il-hsarat fil-vettura taghha, dawn kienu kawzati fuq il-'mudguard' fuq wara fuq il-lemin kif ukoll fuq il-bieba ta' wara fuq il-lemin ukoll. In rigward dawk fuq il-vettura misjuqa mill-assikurat tas-socjeta attrici, hi qalet li dawn kienu fuq in-naha tax-xellug u involvew, ukoll, il-'bonnet' xi ftit (ara ukoll ix-xhieda ta' Patrick Fenech, missier il-konvenuta,a fol 42 u fol 43 tal-atti kif ukoll ir-ritratti tal-lokalita esebiti mill-konvenuti a fol 44 ibid).

Ikkunsidrat

Illi minn analisi tal-provi kollha kif esposti specjalment dak li stqarru u xehdu l-partijiet involuti, l-iskizz u rapport imsemmija kif ukoll fejn garrbu hsarat iz-zewg vetturi involuti, il-Qorti ma sabet l-ebda indikazzjoni sabiex tghinha biex tikkonkludi liema versjoni hi dik li tirrispeccja dak li verament gara, fuq basi ta' probabilta' f'dan l-incident. Dwar dan in vista li s-socjeta attrici nomine kellha l-oneru li tipprova illi s-sewqan tal-konvenuta kien negligenti liema fatt, pero' ma avverax ruhu mill-provi prodotti l-Qorti ma ghandhiex ghazla hlief li tichad it-talbiet attrici.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes jibghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------